# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 600

Kaz Nru. 742

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Rita Livori

u

Thi Lakin School
kif rapprezentata minn
Catherine u John Mifsud

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 6 ta' Dicembru, 1994

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello, M.B.E.

### 1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 13 ta' Jannar 1993,skond il-provvedimenti tal-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanta, Rita Livori, kienet mghejjuna mis-sur Gejtu Vella, Segretarju tal-U.H.M. u sussegwentement mill-avukat Mark Busuttil ukoll.

L-iskola kienet rapprezentata mis-sinjura Katherine Mifsud u s-sur John Mifsud, assistiti mill-avukat Anthony J. Vella.

It-Tribunal zamm seba' seduti.

## 2. RIKORRENZI

Rita Livori kienet giet impjegata fuq bazi part-time mill-iskola Thi Lakin, b'effett mill-5 ta' Ottubru 1992. Id-dirigenti tal-iskola applikaw lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fid-9 ta' Dicembru 1992, biex lil Rita Livori jinpjegawha bhala Kindergarten Helper. Id-Dipartiment kiteb lura fil-15 ta' Dicembru, 1992, u qal illi peress li Rita Livori ma' kellhiex kwalifiki ma' setghax japprova l-impjieg taghha bhala Kindergarten Helper per konsegwenza l-iskola ottemperat ruhha mal-ittra tad-Dipartiment u t-terminat l-impjieg ta' Rita Livori b'effett mit-18 ta' Dicembru, 1992. Rita Livori marret tilmenta mal-Ministru tal-Edukazzjoni. Bhala konsegwenza, id-Dipartiment rega' kiteb lill-iskola f'Jannar tal-1993 fejn ghamilha cara li hemm differenza bejn Kindergarten Assistant u Nursery Attendant, fis-sens illi Kindergarten Assistant ghandha bzonn ta' kwalifiki mentri Nursery Attendant m'ghandix bzonn u kwindi l-anqas m'ghandha bzonn ta' awtorita' mid-Dipartiment. Id-Dipartiment spjega illi peress li t-Thi Lakin School kienet "a mixed day care centre/Kindergarten establishment", kienet tikkwalifika illi timpjega nursery attendant li ma kinux jehtiegu l-approvazzjoni tad-Dipartiment.

## 3. KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidra ix-xhieda li sema', is-sottomiss-

jonijiet li saru u d-dokumenti prezentati. Jidher illi d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jaghmel distinzjoni bejn Kindergarten Helper u Nursery Attendant. Id-Dipartiment japplika l-istess policy li hija applikabbli ghal kindergarten tal-Gvern. Kindergarten Helper jehtieg kwalifiki edukattivi li huma "O" levels, kif spjegat Ms. Carabott, Principal Education Officer inkarigata mill-Kindergarten. Nursery Attendants m'ghandhomx bzonn ta' dawn il-kwalifiki u l-anqas m'ghandhom bzonn ta' "approval" mid-Dipartiment kif fil-fatt ghandhom bzonn Kindergarten Helpers. Li huwa ta' thassib ghat-Tribunal hija l-klassifikazzjoni ta' Rita Livori. L-iskola applikat biex timpjegha bhala Kindergarten Helper, pero' mix-xhieda tal-appellanta u mis-sottomissjonijiet li saru, it-Tribunal jiddubita jekk, minkejja n-nomenklatura, Rita Livori kienet fil-fatt qeda taghmel xoghol ta' Kindergarten Helper. Skond ix-xhieda ta' Rita Livori, hija kienet avzat l-iskola illi hija ma' kelliex kwalifiki edukattivi, eppure xorta impjegawha bhala Kindergarten helper. It-Tribunal izjed huwa nklinat jemmen illi Rita Livori fil-fatt hadmet bhala Nursery Attendant. It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi, ghalkemm "in good faith", l-iskola ma' ddistingwietx bejn id-dmirijiet u n-nomenklatura ta' Kindergarten Helper u Nursery Assistant. Dan ta' l-ahhar m'ghandhux bzonn ta' "approval" mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Jibqa' l-fatt illi Rita Livori kellha l-impjieg terminat fiz-zmien il-perjodu mandatorju ta' "probation" ta'

tlett xhur, li huwa applikabbli wkoll ghal part-timers.

L-impjieg ta' Rita Livori gie terminat bhala rizultat tad-direttiva tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Ghalkemm it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi Rita Livori fil-fatt ma' kinitx qeghda taghmel ix-xoghol ta' Kindergarten Helper, imma ta' Nursery Attendant, ma jistax jahrab mill-fatt illi l-ligi ma' taghmel l-ebda distinzjoni f'dan ir-rigward u impjieg li huwa ghadu soggett ghall-perjodu ta' "probation", huwa terminabbli bla ma tingha-ta raguni, kemm min-naha tal-employer kemm minn naha tal-impjegat.

Id-Dipartiment, fl-ittra tieghu ta' Jannar 1993, indika illi l-iskola tikkwalifika biex timpjega Nursery Attend-ants, li m'ghandhomx bzonn ta' "approval", u t-Tribunal jirrikkmanda illi l-iskola tikkonsidra illi timpjega lil Rita Livori fil-kariga ta' Nursery Attendant.

DECIZJONI

It-Tribunal jiddeciedi illi peress li Rita Livori kellha l-impjieg taghha terminat fiz-zmien it-tlett xhur manda-torji ta' "probation", ma jistax jinghad illi dina kienet ingusta.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar drittiji-et li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht l-Att

tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, it-Tribunal qed jintaxxa dawk il-persuni li dehru ghaz-zewg partijiet fis-somma ta' erbghin lira lira Maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------------------------
Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

---------------------------------
Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg